# MINUTI

## Laqgħa b'urġenza tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

IT-TMIEN LEĠISLATURA

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

Laqgħa Numru 31

Il-Ħamis 8 t'April 2021

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar ħa sehem f'laqgħa b'urġenza *online* permezz ta' *Microsoft Teams®* nhar il-Ħamis 8 t'April 2021 fil-5.45 ta' filgħaxija. Din il-laqgħa, li kienet qed tixxandar ukoll *live* fuq il-*website* tal-Kunsill, saret b'dan il-mezz minħabba s-sitwazzjoni preżenti tal-imxija tal-virus COVID-19 u skont id-direttiva numru 7/2020 maħruġa mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali.

PREŻENTI:

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sur Joseph Cauchi – Kunsillier
Is-Sinjura Juliet Attard - Kunsillier
Is-Sur Mark Busuttil – Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa.

### 31.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

31.1.1 Il-membri kollha kienu preżenti għal din il-laqgħa, għalhekk ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

### 31.2 Proġett Pjazza tal-Knisja;

31.2.1 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri għarraf lill-membri li wara li fl-aħħar laqgħa b'urġenza tal-Kunsill Lokali Il-Munxar fil-25 ta' Marzu 2021 il-Kunsill Lokali kkonferma u approva r-rakkomandazzjoni tal-bord tal-evalwazzjoni biex tingħata l-offerta għax-xogħlijiet tal-Pjazza, l-amministrazzjoni tal-Kunsill bagħtet l-ittri lill-offerenti bid-deċiżjoni tal-bord.

31.2.2 Is-Sindku qal li l-Kunsill irċieva ittra ta' appell għal din id-deċiżjoni mingħand offerent wieħed u eventwalment dan l-appell jinstema' quddiem il-*Public Contracts Review Board*.

31.2.3 Is-Sindku ppropona sabiex il-Kunsill jaħtar lill-Avukat Dr Jonathan Mintoff bħala konsulent legali biex jieħu ħsieb dan il-każ. Kien hemm qbil unanimu mill-membri tal-Kunsill.

### 31.3 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

31.3.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-6.00 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Ħamis 22 t'April 2021 fil-5.30 ta' filgħaxija.

Konfermati illum, il-Ħamis 20 ta' Mejju 2021.

IFFIRMATA
Damien Spiteri
Sindku

IFFIRMATA
Ryan Debrincat
Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR